**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Ottubru, 2015

Rikors Guramentat numru : 120/10 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fil-15 ta' Dicembru, 1990, u minn dan iz-zwieg kellhom tifla wahda F G B ta' sbatax-il (17) sena;
2. Illi l-intimat rrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti ta' sevizzi, minacci u ingurji gravi b'mod li llum bejn il-kontendenti tirrizulta inkompatibilita' ta' karattru tant li l-istess zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli;
3. Illi b'digriet moghti mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja, l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghas-

separazzjoni kontra l-intimat (Dok A);

Talbet fl-isfond tas-suespost li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba sevizzi, minacci u ingurji gravi u kif ukoll talli z-zwieg tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba tortijiet unikament imputabbli lill-intimat;
2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri F G f'idejn l-esponenti ommha;
3. Tordna li l-intimat jibda jissomministra lill-esponenti dik ir-retta alimentarja stabbilita minn din il-Qorti bhala manteniment versu l-minuri F G;
4. Tordna xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u taqsam l-istess ugwalment bejn iz-zewg kontendenti;
5. Tapplika fil-konfront tal-intimat l-effetti kollha ta' l-Artikoli 48 u 50 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli;
6. Tordna lill-intimat sabiex jikkonsenja lill-esponenti l-oggetti kollha parafernali taghha li jinsabu fil-pussess tieghu;
7. Tordna l-pubblikazzjoni tad-divizjoni tal-assi matrimonjali, tinnomina Nutar biex jaghmel tali pubblikazzjoni u occorrendo tinnomina kuraturi biex jirrapprezentaw lill-intimat f'kuntratt eventwali f'kaz ta' kontumacja;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-eccipjenti jaqbel ma' l-ewwel talba attrici limitament ghad-dikjarazzjoni u pronunzja ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici, li rrendiet ruhha hatja versu l-eccipjenti ta' minacci, ingurji gravi sevizzi, u ecessi, illi

wasslu ghat-tifrik irrevokabbli taz-zwieg tal-kontendenti u li rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli;

2. Illi din il-Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talbiet attrici u dan stante illi l-minuri llum lehqet l-eta maggorenni;
3. Illi r-raba talba ghandha tintlaqa limitament fis-sens illi tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-akkwisti madankollu mhux necessarjament fi kwoti ugwali;
4. Illi l-hames talba ghandha tigi michuda peress illi mhuwiex il-kaz illi jigu applikati kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta’ l-artikoli 48 u 50 tal-Kodici Civili;
5. Illi s-sitt talba ghandha tigi michuda peress illi l-konvenut ma ghandu l-ebda oggetti parafernali ta’ l-attrici li jinsabu fil-pussess tieghu;
6. Illi l-esponenti jaqbel mas-seba’ talba, gialadarba l-Qorti tilqa’ r-raba’ talba;
7. Illi f’dak li jirigwarda l-ispejjez tal-kawza, gialadarba l-konvenut ma jahti xejn ghall-firda bejn il-partijiet, liema firda giet kagunata unikament bi htijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-istess attrici kif diga’ inghad, l-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-istess attrici;
8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha ippremetta :

Illi l-kontendenti zzewgu fil-hmistax (15) ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija u disghin (1990) u dan kif jirrizulta minn certifikat taz-zwieg markat Dok A;

Illi miz-zwieg taghhom twieldet tifla bl-isem ta’ F G illum maggorenni;

Illi l-hajja konjugali tal-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi kommessi mill-attrici versu l-konvenut, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza;

Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet ma sehhitx u dan kif jirrizulta mill-anness document markat Dok B;

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-attrici tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-attrici kontra zewgha l-konvenut, u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u tawtorizza lill-attrici tghix separatament mill-konvenut;
2. Tikkundanna lill-istess attrici thallas lill-konvenut manteniment adegwat li joghgobha tiffissa din il-Qorti skont il-bzonnijiet ta' l-istess konvenut u l-mezzi ta' l-attrici, bil-modalita' ta' hin, lok u gurnata ta' pagament li tigi wkoll stabbilita, inkluz provvediment ghaz-zjieda perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-awment fl-gholi tal-hajja u ghat-tnaqqis dirett mis-salarju u kwalunkwe introjtu iehor ta' l-attrici;
3. Tapplika kontra l-attrici l-effetti tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u 50 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta fis-shih jew parzjalment b'dan illi jekk ikun il-kaz, l-attrici titlef kull jedd li ghandha ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila tal-konvenut u dan minn data illi tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-attrici tkun tat lok illi ssir din is-separazzjoni;
4. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti okkorrendo b'opera ta' perit nominand, u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattiv u kuratur sabiex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;
5. Tikkundanna lill-attrici sabiex tikkonsenja lill-konvenut fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss, l-oggetti parafernali tieghu inkluz flus, stocks, shares, deheb u hagar prezzjuz, u fin-nuqqas tikkundannaha thallas lill-konvenut il-valur taghhom kif jigi hekk likwidat okkorrendo permezz ta' perit nominand;
6. Tawtorizza lill-konvenut ighix esklussivament fil-fond konjugali ad eskluzjoni ta' l-attrici;

7. Tawtorizza lill-konvenut jirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta s-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri inkorsi fl-istadju ta' medjazzjoni kontra l-attrici ingunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut, li permezz taghha eccepiet :

Illi bosta mit-talbiet tal-konvenut kontroattant C B ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt :

1. Illi l-esponenti taqbel li ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti b'dan pero' li jigi dikjarat li z-zwieg tal-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli htija tal-konvenut stante sevizzi, minacci w ingurji gravi kommessi da parti tieghu fil-konfront tal-esponenti;
2. Illi l-esponenti topponi wkoll li hija ghandha tigi kkundannata thallas manteniment lill-zewgha l-konvenut. Il-konvenut jahdem u ghalhekk m'hemmx raguni l-ghala l-esponenti ghandha tigi kkundanna thallsu manteniment. Dan oltre ghall-fatt li l-konvenut iddekada mill-jedd tieghu ghall-manteniment, hekk kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Illi l-esponenti tecepixxi li m'ghandhomx jigu applikati fil-konfront taghha d-disposizzjonijiet ta' l-akrtikoli 48 u 50 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, stante li m'hijiex hatja tat-tifrik taz-zwieg;
4. Illi fi kwalunkwe kaz dak kollu formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti gie akkwistat bil-hila u hidma tal-esponenti wkoll u ghalhekk m'hemmx lok li l-esponenti titlef jedd fuq sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti jew parti mill-istess;
5. Illi l-esponenti taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi xjolta, likwidata u diviza, b'dan pero' li ghandhom jigu applikati kontra l-konvenut s-sanzjonjiet kontemplati fil-Ligi u li minn sehem il-konvenut l-esponenti ghandha tithallas ghall-manteniment ta' bint il-kontendenti b'effett

mid-data tas-separazzjoni de facto sakemm l-imsemmija wild ghalqet 18-il sena;

6. Illi l-hames talba tal-kontrotalba ghandha tigi michuda peress li l-esponenti m'ghandha l-ebda oggetti parafernali tal-konvenut li jinsabu fil-pussess taghha;
7. Illi l-esponenti topponi wkoll ghas-sitt talba tal-konvenut li jibqa' fid-dar matrimonjali ad eskluzzjoni taghha u dan peress li m'hemm l-ebda raguni fil-ligi l-ghala l-esponenti ghandha titlef il-jedd ta' abitazzjoni fil-proprjeta taghha;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici rikonvenzjonata;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet relatat maz-zwieg li sehh nhar il-15 ta' Dicembru 1990. Min-naha tieghu l-intimat jaqbel li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment pero' jsostni li dan sehh ghal ragunijiet li huma imputabbli lir-rikorrenti b'dan li l-istess intimat iressaq il-kontro-talba tieghu.

## VERZJONI RIKORRENTI

Permezz tal-affidavit taghha[1], l-attrici tghid li ltaqghet mal-intimat zewgha meta kellha sittax (16) –il sena filwaqt li l-intimat kelu diga' tlieta u ghoxrin (23) sena. Damu gharajjes sitt

[1] Esebit a fol 32 tal-process

(6) snin qabel izzewgu. Ghall-ewwel kien kollox sew bejniethom sakemm meta gew biex jixtru dar, l-intimat infurmaha li ried li jibqa' jghix ma' ommu minhabba ragunijiet ta' finanzi. Ghalkemm ma qablitx ma' din id-decizjoni, accettat ghax kienet thobbu. Ghall-bidu taz-zwieg kienu kuntenti izda l-attrici baqghet thoss li ma kellha ebda privatezza fid-dar ta' ommu ghaliex hutu kienu gejjin u sejrin u kellhom ukoll ic-cwievet tal-istess dar. F'Jannar tas-sena 1993 l-attrici welldet lill-minuri Danica b'dan li l-akbar problema bejn il-partijiet baqghet in-nuqqas ta' privatezza fid-dar u l-aspett finanzjarju li proprju wassal lill-intimat sabiex jibda jahdem ukoll *part-time*. Bdew iqattghu ftit hin flimkien u wara ndunat li l-intimat qabad u fetah kont bankarju f'ismu minghajr ma infurmaha. Wara ghaxar (10) snin zwieg applikaw ghal dar tal-Gvern u hadu *maisonette*. Kellhom jiehdu self fuq l-istess imma fl-ahhar l-attrici hasset li issa kellha d-dar taghha. Tghid li minkejja li kien jghid li m'ghandux flus, l-intimat kien fetah kontijiet bankarji ohra wahdu u ma kienx joqghod lura milli jaghmel il-kapricci tieghu. Meta kkonfrontatu fuq dan il-kont li fetah wahdu, ma taha ebda spjegazzjoni izda mbaghad komplew id-diskussjonijiet bejniethom u l-intimat iddecieda li jiftah kont bankarju f'isem l-attrici u ddeposita l-ammont ta' Lm3000. Tghid ukoll li nfetah kont f'isem il-minuri u ddepositaw fih is-somma ta' Lm1000 pero' wara ftit l-intimat gibed dak l-ammont minghajr ma infurmaha u qaleb dan l-istess kont ghal fuq ismu.

Ir-relazzjoni ta' bejniethom bdiet sejra ghall-aghar u aktar ma beda jghaddi z-zmien aktar ried li kollox ikun kif irid hu. Biddel l-atteggjament kemm fil-konfront taghha kif ukoll tal-minuri b'dan li anke l-hajja intima taghhom ma baqghetx l-istess. L-attrici kompliet tixhed illi rrikorriet ghall-ghajnuna ta' *psychologist* ghaliex beda jgieghlha thoss li qieghda tonqsu meta fil-verita' ma kienet qed tonqsu f'xejn. Il-fatt li kien distakkat anke mit-tifla wassalha biex qabditha *depression* qawwija li wassalha ghal attentat ta' suwicidju u ftit ta' zmien f'Monte Carmeli ghall-kura. Fl-isptar indunaw li kienet tibza' titkellem quddiem zewgha u li dejjem kienet tbaxxi rasha ghal dak li jghid hu. Damet zmien twil biex tiddeciedi ghaliha u biex issib il-kuragg halli titolbu separazzjoni. Meta finalment qaltlu, ma accettax u ried li jmorru jkellmu xi zewg qassisin. Irrealizzat

li ma riedx li jissepara mhux ghax verament ried li jsalva z-zwieg izda ghax ma riedx li jispicca wahdu. Biex tara lil bintha kuntenta, ddecidew li jsiefru flimkien b'dan li l-intimat pretenda li tkun hi li thallas ghal sehemha meta fil-verita' l-paga taghha kienet tintefaq kollha ghall-hajja filwaqt li l-flus tieghu kien izommhom ghalih wahdu. Izda biex tipprova tirranga l-affarijiet, ghamlet sakrificcju u sar kif ried hu. Ipruvat tinsa l-atteggjament tieghu izda kienu waslu f'punt fejn ma kienx hemm aktar cans li jersqu lejn xulxin minn kull aspett izda baqghet tibza' topponi ghal dak kollu li ma kienitx taqbel mieghu ghaliex kienet tibza' li jghajjarha. Tiddiskrivi lir-ragel taghha bhala ragel li juri nuqqas ta' interess fil-familja u anke f'bintu.

Tispjega li fiz-zmien li ghamlet l-affidavit taghha, l-minuri kellha sbatax (17) –il sena b'dan li kienet qed tistudja l-Higher Secondary u tmur l-*School of Art* u kienet tmur ghand *psychologist* darbtejn fix-xahar minhabba problemi relatati ma' missierha ghaliex bhal qisu qatt ma accettaha.

Taghlaq l-affidavit taghha billi tghid li issa wasal iz-zmien sabiex tibda pagna gdida fejn ma tibqax thossha li m'hijiex ikkunsidrata jew rispettatha minn zewgha.

Imbaghad in kontro-ezami[2] l-attrici tikkonferma li skont hi, l-htija ghas-separazzjoni ghandha taqa' fuq zewgha u li l-uniku htija li ghandha hi li fil-maggor parti tad-drabi dejjem baxxiet rasha. Tammetti li m'hijiex perfetta u li gieli gabet lit-tifla qabel ir-ragel. Tghid li fil-maggor parti taz-zwieg dejjem ghamlet ruhha *available* ghal relazzjonijiet sesswali ta' bejniethom pero' mbaghad, lejn l-ahhar tmienja u jew seba' snin kienet thossha uzata ghaliex kellhom il-problemi bejniethom. Tispjega li kienet fuq il-*pill* minhabba problemi fl-ormoni u li dan wassalha ghal nuqqas ta' *sexual drive*.

Tghid li kellha *low self esteem* minhabba l-atteggjament ta' ommha fil-konfront taghha li kienet tghajjarha bid-difetti

[2] Ara x-xhieda taghha datata s-16 ta' Jannar 2013 a fol 459 tal-process

taghha. Tispjega li ghalkemm zewgha qatt ma ghajjarha, waqaf jghaddilha kumplimenti meta wara t-twelid tat-tifla kienet zdiedet hafna fil-piz. Tiddikjara li zewgha qatt ma ghajjarha 'hoxna' jew 'kerha' imma meta kienet tibki kien jghidilha li hu 'biki tal-kukkudrilli'.

Tiddikjara li fit-trobbija taghha qatt ma hasset gibdiet sesswali lejn in-nisa. Kien biss wara s-separazzjoni 'de facto' li bdiet relazzjoni ma' mara. Terga' tirrafferma li qabel ma bdiet ir-relazzjoni taghha ma' Antonella Galea, ma kellhiex gibdiet lejn in-nisa. Tispjega li kif bdiet thoss gibda lejn in-nisa, ir-relazzjonijiet intimi bejnha u zewgha waqfu kompletament. Tghid li zewgha kien minn tal-ewwel li skopra dwar din ir-relazzjoni. Tikkonferma li l-kartolini li gew prezentati[3] huma kartolini li ntaghtat minn Antonella Galea fil-bidu tar-relazzjoni taghhom.

## **<u>Il-VERZJONI TAL-INTIMAT</u>**

Permezz tal-affidavit tieghu[4] l-intimat jichad l-allegazzjonijiet kollha ta' martu u jishaq li l-inkwiet kollu ta' bejniethom nqala' minhabba l-orjentazzjoni sesswali tal-attrici u jsostni li l-konoxxenza li ghandha ma' certu Antonella Galea tmur *oltre* minn sempliciment hbiberija. Jispjega li minkejja d-differenza fl-opinjonijiet ta' bejniethom, dejjem waslu ghal kompromess, kuntrarjament ghal dak li ssostni martu fl-affidavit taghha. Jispjega li martu, bl-imgieba xejn meqjusa taghha, wasslitu biex jghix gidba ghal dawk is-snin kollha u li issa qed tipprova ddawwar kollox kontra tieghu ghaliex iz-zmien li ghamlu flimkien li suppost kien zmien ta' rispett reciproku, hi qed tiddiskrivih bhala zmien ta' dwejjaq, b'dan li hu kien is-sors tad-dwejjaq taghha.

Jikkonferma li kien konxju mill-fatt li martu ma kienitx kuntenta tghix f'dar ta' haddiehor u jghid li din kienet ir-raguni ghaliex applikaw ghal dar tal-Gvern. Hadu post minkejja li l-intimat

[3] Ara a fol 471 – 476 tal-process

[4] Esebit a fol 61 tal-process

jispjega li jibza’ mid-dejn imma dahal fid-dejn biex jara lil martu kuntenta. Kien proprju minhabba d-dejn u biex jara li l-familja ma jonqosha xejn li kien jahdem ukoll *part-time* u biex ikompli jiffranka l-flus ghamel hafna xoghol fid-dar hu stess.

Jallega li dak li tghid martu kwantu ghad-depositi li tghid li kienet taghmel fil-kont kongunt huwa biss gidba ghaliex skond hu qatt u qatt ma ddepositat fil-kont kongunt. Jispjega li l-ftehim ta’ bejniethom kien li martu tixtri ghall-ikel filwaqt li hu jiehu hsieb il-kumplament pero’ jghid li xorta wahda kien jghin fix-xiri tal-ikel biex jara li jkun hemm il-*fridge* mimlija. Jichad li qatt heba xi haga minnha ghaliex dak li warrab, warrbu ghalihom it-tnejn. Jghid li meta mbaghad bdiet tinsisti li jaqsmu l-flus li kien gemma, qasmuhom bejniethom. Dwar l-allegazzjoni ta’ martu fis-sens li hu egoist ghax kien jixtri xi apparat tal-muzika, jghid li dan hu delizzju li ghandu u li dejjem kien kawt f’dak li jixtri. Jghid ukoll li qaghad lura minn hafna ikliet ma’ shabu u safar barra minn Malta biex ma jonfoqx ghax ried li dak li jgemma’ jkun ghall-familja. Izid jghid li martu gieli marret Sqallija u dwar dan qatt ma sab oggezzjoni.

Dwar id-*depression* li kellha martu, jghid li minkejja li kienet twahhal fih, dejjem sabitu warajha. Meta mbaghad qaltlu li riedet is-separazzjoni u marru ghand zewg qassisin, dawn tal-ahhar ma raw ebda problema daqshekk kbira li ma setghetx tissolva b’naqra rieda tajba u sforz, ghalkemm jinsisti li hi qaltilhom li hija omosesswali. Isostni li kien lest jaghmel kollox biex isalva z-zwieg, tant li ried li jmorru ghand Charles Azzopardi (Family Therapist) pero’ martu ma rieditx.

Dwar il-*cruise* li marru l-partijiet jghid li mhux minnu li ppretenda li thallas sehemha hi imma li ssuggerixxa li ggemma xi haga biex ikollhom aktar flus x’jonfqu. Izid jghid li waqt din il-mawra, kienet qattghet hafna hin tilghab bil-*mobile* u tibghat u tircievi l-messaggi. Gibdilha l-attenzjoni dwar dan imma qaltlu li gialadarba qed jibghatulha, kellha twegibhom.

Dwar l-intimita’ ta’ bejniethom jghid li martu kienet iggib hafna skuzi u kienet thallih jersaq lejha f’okkazjonijiet rari u ta’ bilfors.

Pero' jishaq li kien biss recentement li nduna l-vera raguni ghal dan ir-rifjut u cioe' li hi m'hijiex interessata fl-irgiel.

Jagħlaq billi jgħid li fejn qabel il-familja tiegħu kienet il-fulkrum tal-ħajja tiegħu, llum tali fulcrum huwa t-tifla u jara li ma jonqosha xejn. Jgħid li d-dispjacir tiegħu hu li filwaqt li kien jaħdem għall-familja, martu kien moħħha banda ohra minħabba l-orjentazzjoni sesswali tagħha u ma kienitx tħossha komda miegħu għaliex go fiha kellha battalja biex taċċetta lilha nnifisha kif inhi.

**IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI**

Il-Qorti taghmel referenza ghan-nota guramentata tal-attrici[5] u li permezz taghha tikkontendi li l-htija u r-responsabbilita' ghas-separazzjoni ghandha tinghata lill-intimat minhabba d-distakk tieghu fil-hajja matrimonjali u l-atteggjament tieghu lejha u lejn binthom. Tiddikjara li *stante* li dak iz-zmien binthom kellha diga' sbatax (17) –il sena u kellha tesprimi ruhha hi stess dwar il-kura u l-kustodja u l-access relattiv. Tiddikjara li ghandha introjtu ta' €730 fix-xahar bhala *carer*[6] filwaqt li r-ragel taghha ghandu introjtu ta' bejn €900 u €1000 fix-xahar bhala *security* mal-Gvern[7]. Titlob manteniment ta' €50 fil-gimgha ghall-bint sakemm tkun ghaddejja bl-istudji taghha u tipprezenta lista ta' mobbli u oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti[8]. Tiddikjara li m'hemm ebda dejn li jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti pero' hemm assi li ttiehdu esklussivament mill-intimat qabel ma nfethu l-proceduri ta' separazzjoni, fosthom flus depositati f'*joint account* u *child bond*. Tikkontendi li l-assi bejniethom ghandhom jigu divizi ugwalment bejniethom, b'dan li d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejniethom filwaqt li tinghata l-proprjeta' parafernali taghha u cioe' l-kamra tas-sodda li kienet rigal minghand ohtha.

---

[5] Esebita a fol 13 tal-process

[6] Ara Dok. RE1 esebit a fol 15 tal-process

[7] Ara Dok. RE1a esebit a fol 16 tal-process

[8] Ara Dok. RE esebit a fol 17 tal-process

Permezz tal-kuntratt pubbliku datat l-10 ta' Novembru 1998 fl-atti tan-Nutar Dr. Rachel Busuttil[9], l-attrici taghmel prova tal-fatt li l-*maisonette ground floor* fi Triq gdida bla isem fil-*Housing Estate* tal-Mtarfa flimkien mal-*basement* sottopost għalih u l-garaxx minghajr numru ufficcjali izda mmarkat bin-numru disgha (9) fi triq gdida bla isem fil-*Housing Estate* tal-Mtarfa gew akkwistati mill-konjugi B fiz-zwieg u konsegwentement huma formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xhieda kollha prodotti, inkluzi r-rapprezentanti tal-banek, tal-*Stock Exchange* kif ukoll tal-ETC u d-dokumentazzjoni kollha esebita minnhom. Issir referenza wkoll ghan-nota guramentata tal-intimat li permezz taghha jipprezenta l-valuri tal-mobbli u l-immobbli li jiffurmaw il-komunjoni tal-akkwisti[10] flimkien ma' diversi ricevuti[11] u jirrileva li l-valuri li prezentat ir-rikorrenti huma vvintati mill-attrici (b'dan li l-Qorti tirrileva li in kontro-ezami r-rikorrenti tammetti li vvintat l-ammont ta' Lm800 u l-Lm500 li tat bhala valur tal-*spare bedroom*[12]). Jipprezenta wkoll stima tal-Perit David Vassallo li jiddikjara li l-valur tad-dar matrimonjali huwa dak ta' €192,000[13].

Tixhed ukoll Antonella Galea[14] li tiddikjara li saret taf lir-rikorrenti meta bdiet tahdem Dar il-Kaptan fis-sena 2008 pero' tghid li dak iz-zmien ma kienux hbieb. Tghid li qabel ma kienet tahdem 'Dar il-Kaptan' kienet tahdem 'Villa Messina' u tghid li gieli kellmet lir-rikorrenti meta din tal-ahhar kienet ukoll tahdem 'Villa Messina'. Tghid li lejn l-ahhar ta' Mejju 2009 hi u l-attrici bdew johorgu flimkien aktar wahedhom u tispjega li r-relazzjoni

---

[9] Esebit a fol 18 tal-process

[10] Ara Dok. EP1 esebit a fol 489 tal-process

[11] Ara Dok. EP3 – EP 14 esebiti a fol 491 – 502 tal-process

[12] Ara a fol 481 tal-process

[13] Ara Dok. EP2 esebit a fol 490 tal-process

[14] Ara x-xhieda taghha datata l-14 ta' Jannar 2014 esebita a fol 507 tal-process

taghhom bdiet meta l-attrici kienet tiftah qalbha maghha dwar kif jitrattaha r-ragel. Tispjega li sakemm ir-ragel taghha sabilha xi messaggi personali li kienet bghatitilha, r-relazzjoni taghhom kienet ghadha fil-mohbi. Dan kien ftit xhur wara li kienu bdew ir-relazzjoni taghhom u cioe' fiz-zmeien li kienu bdew il-proceduri ta' separazzjoni. Fix-xiehda taghha sussegwenti[15] tiddikjara li tqis lir-rikorrenti bhala l-mahbuba taghha. Tikkonferma li ghandhom relazzjonijiet intimi u sesswali bejniethom u li dawn bdew bejn wiehed u iehor f'Awwissu 2009.

## DWAR IT-TALBA GHAS-SEPARAZZJONI PERSONALI

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, l-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Il-Qorti wara li rat il-provi kollha esebiti, hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment u konsegwentement hemm lok ghall-pronunzja ghas-separazzjoni personali bejn il-partijiet. L-attrici tghid li z-zwieg tkisser minhabba l-karattru tal-intimat u kwistjonijiet finanzjarji, filwaqt li min-naha tieghu l-intimat jishaq li z-zwieg tkisser minhabba l-orjentazzjoni sesswali ta' martu. Li jirrizulta fic-cert (anke in vista tal-fat li l-attrici ddikjarat b'mod apert li ghandha relazzjoni ma' mara ohra) hu li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment. Kwantu ghall-kwistjoni ta' htija (li tidher li hija kwistjoni principali bejn il-partijiet) il-Qorti taghti kredibilita' liz-zewg partijiet, fis-sens li temmen li z-zewg partijiet ghandhom taghhom u kkontribwew ghall-istat li waslu

[15] Ara x-xhieda taghha datata s-27 ta' Mejju 2014 esebita a fol 516 tal-process

ghalih. Huwa minnu li l-intimat forsi ghamel kollox b'intenzjoni tajba (specjalment ghall-aspett tax-xoghol u kemm kien kawt fi kwistjonijiet ta' flus) pero' min-naha l-ohra ma fehemx li martu u bintu kellhom bzonn hin ta' kwalita' mieghu – liema hin jidher li kien nieqes mhux ghal xi kapricc izda sabiex l-intimat jassigura li l-familja tieghu ma jonqosha xejn. F'dan il-kuntest zgur li l-Qorti ma tistax tiddikjara li huwa responsabbli ghas-separazzjoni ghaliex dak li ghamel ghamlu b'sens ta' responsabbilita' lejn il-familja tieghu. Min-naha l-ohra, r-rikorrenti jidher li kellha battalja interna u cioe' battalja relatata ma' zmien ta' *depression* u mal-fatt li kellha taccetta lilha nnifisha bhala mara li hija migbuda lejn in-nisa – aspett li hareg fl-apert snin u snin wara z-zwieg. Jidher li r-rikorrenti damet biex taccetta tali fatt fuqha nnifisha, haga li turi li qatt ma kellha intenzjoni li tidhak bl-intimat jew li ggieghlu jghix gidba, ghalkemm hu jhoss li dak hu l-kaz. Zgur li l-fatt li skopriet tali fatt fuqha nnifisha ma jfissirx li kollox sehh b'intenzjoni u ghalhekk, ghalkemm tali fatt kien l-ahhar fattur li wassal ghas-separazzjoni ta' bejniethom, ma jidhirx li kien l-uniku wiehed. Ghalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'ghandha ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija ugwali bejn il-partijiet, ghalkemm tali htija ma kienitx wahda intenzjonata izda jidher li z-zewg partijiet kkontribwew ghas-separazzjoni odjerna.

## DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI

Il-Qorti tirrileva li frott taz-zwieg bejn il-partijiet twieldet F G. *Stante* li prezentement l-istess wild ghandha tnejn u ghoxrin (22) sena, jirrizulta li tali talba hija *ormai* survolata u konsegwentement il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' tali talba.

## DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-WILD

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li l-wild tal-partijiet hija llum –il gurnata maggorenni. Pero' *stante* li l-istess wild ghadha ma ghalqitx l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena u f'kaz li l-istess wild qieghda tistudja fuq bazi *full-time* allura f'dak il-kaz

ikun dovut manteniment ghall-istess wild. F’dan l-istadju ssir referenza ghal Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

“***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

Illi l-artikolu 3B tal-Kap 16 jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u l-artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess ulied, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri verso l-istess ulied.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut.

Fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz odjern fejn il-wild hija maggorenni u ma teressqux provi fuq dak li qed taghmel l-istess wild f'hajjitha (ad eccezzjoni tan-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici fejn tirrimarka li l-istess wild qieghda tistudja l-MCAST), l-Qorti qieghda taqta' tiddeciedi billi tordna lill-intimat ihallas manteniment versu bintu l-ammont ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar f'kaz li l-istess wild qed tistudja fuq bazi *full-time* u ghadha tghix m'ommha. F'kaz li l-istess wild tghix ghal rasha u ghadha tistudja fuq bazi *full-time*, allura l-manteniment imsemmi hawn fuq ghandha jithallas kwantu ghal mitt Euro (€100) mill-attrici u kwantu ghal mitt Euro (€100) mill-intimat. Tali manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm l-istess wild tieqaf tistudja fuq bazi *full-time* jew tilhaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel.

## DWAR IT-TALBA TA' MANTENIMENT GHALL-INTIMAT

Il-Qorti tirrileva li l-intimat permezz tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jirrinunzja ghal tali talba u dan *stante* li ghandu impjieg fuq bazi *full-time*[16].

## DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

Ir-rikorrenti tikkontendi li d-dar matrimonjali u cioe' l-fond bin-numru disgha (9) fi Triq Santa Lucija Mtarfa (formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti) ghandu jinbiegh b'dan li r-rikavat jigi diviz bejn il-partijiet b'mod ugwali. Min-naha tieghu, l-intimat, in vista tal-fatt li z-zewg partijiet baqghu jghixu taht l-istess saqaf, ukoll jaqbel li ghandha tinbiegh izda jsostni li peress li mhux responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, m'ghandux ikun hemm qasma ugwali tar-rikavat tal-istess. Il-Qorti, anke b'referenza ghal dak li ntqal aktar 'il fuq u cioe' dwar il-fatt li hi tal-fehma li z-zewg partijiet ikkontribwew ghas-separazzjoni ta' bejniethom, tara li m'hemm ebda raguni valida ghaliex r-rikavat tal-istess

[16] Ara pagna 9 tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu datata l-10 ta' Lulju 2015

dar m'ghandux jinqasam b'mod ugwali bejniethom. Ghalhekk tordna li tali dar titpogga ghall-bejgh fis-suq miftuh b'mod immedjat u mhux aktar tard minn gimghatejn minn mindu din is-sentenza tkun *res judicata* u dan ghall-prezz ta' €192,000, liema prezz ghandu jigi rivedut f'kaz li ma jkunx hemm bejgh. F'kaz li jkun hemm offerta ghall-prezz hawn imsemmi jew f'kaz li jkun hemm ftehim iehor bil-miktub dwar xi prezz verjuri, dik il-parti li tipprova tostakola l-bejgh jew tonqos milli tidher fuq il-konvenju jew kuntratt ghal ragunijiet li m'humiex sufficjenti fil-ligi ghandha tigi penalizzata s-somma ta' ghoxrin elf Euro (€20,000), liema somma ghandha titnaqqas minn dik il-parti li tkun ostakolat il-bejgh ghal xejn jew minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Il-Qorti, wara li qieset il-fatti u l-provi kollha migjuba quddiemha, qieghda xxolji l-komunjoni tal-akkwisti u tiddividiha bil-mod segwenti:

**<u>Porzjoni A li qed tigi assenjata lill-attrici</u>**

1. Nofs il-mobbli li jinsabu fid-dar gia konjugali b'dan li l-partijiet ghandhom fl-ewwel lok (u f'kaz li ma jiftehmux mod iehor bejniethom) jaghmlu stima ta' kull oggett li jinsab fl-istess dar u jiehdu mobbli li fil-kumplessita' taghhom iwasslu ghall-istess valur u cioe' ghal nofs il-valur tal-mobbli kollha li hemm fl-istess dar kull wiehed.

2. Id-djun kollha li l-partijiet ikkuntrattaw mal-qraba taghha tul is-snin;

3. Id-djun kollha illi l-attrici qatt ikkuntrattat ma' terzi minghajr il-kunsens tal-intimat.

4. Il-kontijiet bankarji u *savings plan* illi l-attrici tista' jkollha intestati f'isimha;

5. Nofs il-valur tac-*Children's plan.* Dan anke in vista tal-fatt li tali *plan* sar fiz-zwieg u ghalkemm l-attrici tikkontendi li ghandha tigi assenjata lill-binthom, irid jigi rilevat li tali bint m'hijiex parti minn dawn il-proceduri.

6. Is-somma ta' elf u hames mitt Euro (€1500) rapprezentanti ekwiparazzjoni *stante* numru ta' *withdrawals* li saru mill-intimat mill-kont bankarju 058-054248-050[17] mal-HSBC Bank Malta Plc bejn Settembru 2009 u Novembru 2009. Tali somma ghandha tithallas mill-intimat fi zmien hmistax (15) –il gurnata mid-data ta' meta din is-sentenza tigi *res judicata*.

**<u>Porzjoni B li qed tigi assenjata lill-intimat</u>**

1. Nofs il-mobbli li jinsabu fid-dar gia konjugali b'dan li l-partijiet ghandhom fl-ewwel lok (u f'kaz li ma jiftehmux mod iehor bejniethom) jaghmlu stima ta' kull oggett li jinsab fl-istess dar u jiehdu mobbli li fil-kumplessita' taghhom iwasslu ghall-istess valur u cioe' ghal nofs il-valur tal-mobbli kollha li hemm fl-istess dar kull wiehed.

2. Id-djun kollha li l-partijiet ikkuntrattaw mal-qraba tieghu tul is-snin;

3. Id-djun kollha illi l-intimat qatt ikkuntratta ma' terzi minghajr il-kunsens tal-attrici.

4. Il-kontijiet bankarji u *savings plan* illi l-intimat jista' jkollu intestat f'ismu ad eccezzjoni tal-kont bankarju bin-numru 058-054248-050[18] mal-HSBC Bank Malta Plc li huwa intestat f'isem C B pero' jirrizulta li huwa kont bankarju relatat mal-wild F G.

5. Nofs il-valur tac-*Children's plan.*

Il-Qorti tirrileva li mill-provi ma jirrizultax li hemm xi oggetti jew krediti parafernali u konsegwentement m'hemm xejn li l-istess Qorti tista' tordna lil xi parti biex tikkonsenja lill-parti l-ohra.

**<u>DWAR L-APPLIKAZZJONI TAL-ARTIKOLI 48 KONTRA L-INTIMAT</u>**

[17] Ara Dok. AG2 esebit a fol 121 tal-process

[18] Ara Dok. AG2 esebit a fol 121 tal-process

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -
(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;
(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b’donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;
(ċ) kull jedd ta’ parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta’ waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;
(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f’kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

Il-Qorti, kif diga’ kellha l-opportunita’ li tiddikjara aktar ‘il fuq, hija moralment konvinta sal-grad rikjest mil-ligi li l-firda bejn il-partijiet hija imputabbli liz-zewg partijiet u ghaldaqstant fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz l-Qorti thoss li m’ghandu jkun hemm ebda applikazzjoni tal-istess Artikolu.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti u l-ewwel kontro-talba tal-intimat b’dan li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija ugwali bejniethom;

[2] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba *stante* li l-wild F G m’hijiex minorenni;

[3] Tilqa’ t-tielet talba tar-rikorrenti ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-wild F G skond kif ordnat fil-paragrafu intitolat ‘Dwar it-Talba ghall-Manteniment tal-Wild’;

[4] Tilqa’ r-raba’ talba tar-rikorrenti u r-raba’ talba tal-kontro-talba bil-mod kif spjegat fil-paragrafu msemmi ‘Dwar it-Talba ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti’;

[5] Tichad il-hames talba tar-rikorrenti u t-tielet kontro-talba tal-intimat;

[6] Tichad is-sitt talba tar-rikorrenti u l-hames talba tal-kontro-talba;

[7] Tichad is-seba’ talba tar-rikorrenti.

[8] Tichad it-tieni talba tal-kontro-talba tal-intimat;

[9] Tilqa’ s-sitt talba tal-kontro-talba tal-intimat limitatament sakemm isir il-bejgh tad-dar matrimonjali skond kif ordnat aktar ‘il fuq b’dan li ghandu jkun l-intimat stess li b’mod esklussiv ihallas ghas-servizzi kollha fl-istess dar kif ukoll ghall-manutenzjoni ordinarja tal-istess dar.

[10] Tilqa’ s-seba’ talba tal-kontro-talba.

Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella-Baldacchino
Deputat Registratur